**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 7 – 2 ta' Awissu 2012**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 7. Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| Skużati: | Philip Said | Kunsillier |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-Events u Marketing Coordinator, Dr. Massimo Ellul. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsillier Philip Said talab li jiġi skużat minħabba mpenji familjari. Il-Kunsill laqa' t-talba tal-Kunsillier Said.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' Agenda 6 għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera.

1.2. Punt 2.10.2., paġna 52, is-sentenza "Il-Kunsilliera Sammut kompliet tgħid li hi kienet se tkun imsiefra u dan kien nuqqas ta' rispett lejn il-Kunsilliera."

tinbidel u ssir "Il-Kunsilliera Sammut kompliet tgħid li hi kienet se tkun imsiefra u dan kien nuqqas ta' rispett lejn il-Kunsillieri."

1.3. Punt 2.10.3., paġna 53, tiżdied fl-aħħar tas-sentenza il-frażi "iżda li kien hemm nuqqas ta' rispett għax il-membri tat-team in kwistjoni ma kienux fil-laqgħa."

1.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti jiġu approvati hekk kif emendati. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, u Robert Tabone.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-minuti ġew approvati b' mod unanimu (28).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1. Il-Kunsilliera Catherine Sammut għamlet referenza għal punt 2.4 tal-minuti u fakkret fit-talba tagħħa sabiex tiltaqa mal-membri tal-bord tal-aġġudikazzjoni u evalwazzjoni tat-tenders. Is-Segretarju spjega li sar tentattiv biex il-membri tal-bord ikunu preżenti għal din il-laqgħa iżda c-Chairman ma setgħatx u allura se jsir tentattiv ta' laqgħa f' dati oħrajn.

2.2. Il-Kunsillier Roderick Aquilina għamel referenza għal punt 2.6.1. tal-minuti u talab li jkun jaf jekk kienx hemm xi żvilupp fuq ir-rendikont finanzjarju tal-attivitajiet kulturali. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li dan kien se jkun lest sal-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

2.3.1. Il-Kunsillier Roderick Aquilina għamel referenza għal punt 2.9.1. tal-minuti. Il-Kunsillier Aquilina qal li huwa jixtieq jgħid li huwa kuntent ħafna bil-mod kif mexa l-proċess tal-intervisti għall-post vakanti ta' librar. Il-Kunsillier Aquilina qal li dan kien proċess trasparenti ħafna u dan ġie konfermat ukoll mir-rappreżentant tac-Central Public Library li faħħar il-mod professjonali kif saru l-affarijiet. Il-Kunsillier Aquilina kompla jgħid li kien kuntent ukoll bir-rispons li kien hemm għas-sejħa u kien qiegħed ipoġġi r-riżultati tal-interviews fuq il-mejda tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dan ir-rapport kien ġie approvat ukoll mic-Central Public Library u kien għad fadal biss il-firma tal-membru tal-bord mic-Central Public Library.

2.3.2. Is-Sindku Alfred Grixti beda billi radd ħajr lill-bord tal-għażla għal ħidmiethom u rringrazzja lis-Segretarju Eżekuttiv tal-mod professjonali kif

organizza dan l-eżercizzju.Is-Sindku Alfred Grixti qal li fid-dawl ta' dan huwa kien qiegħed jissuġġerixxi li jiġi avviċinat dak il-persuna li ġie l-ewwel fl-intervisti u jiġi offrut il-pożizzjoni ta' librar.

2.3.3. Il-Kunsillier Roderick Aquilina spjega li l-librar se jkun qiegħed jiġi mpjegat għal 12 il-siegħa fil-ġimgħa fejn 9 sigħat minnhom jitħalsu mill-Kunsill u l-4 sigħat l-oħra jitħalsu mid-Dipartiment tal-Libreriji.

2.3.4. Il-Viċi Sindku Thomas Agius spjega li qiegħed jiġi ssuġġerit li qabel ma terġa tinfetaħ għall-pubbliku l-librerija, jkun hemm perijodu ta' żmien fejn il-librar il-ġdid jilħaq jorganizza l-librerija sew.

2.3.5. Il-Kunsillier Roderick Aquilina ressaq mozzjoni fejn tingħata l-awtorita lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jikkuntatja lill-persuna li ġiet l-ewwel fl-intervitsti malli r-rappreżentant tad-Dipartiment tal-Libreriji jiffirma r-rapport tar-riżultati tal-intervisti. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier George Cortis. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, u Robert Tabone.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-mozzjoni ġiet approvata b' mod unanimu (29).

2.4. Is-Sindku Alfred Grixti fakkar lill-Kunsilliera li din il-parti tal-laqgħa tkun riservata sabiex jingħataw updates fuq affarijiet pendenti u mhux biex jerġgħu jinfetħu diskussjonijiet u bħala Chairman tal-Laqgħa kien se jara li dan jiġi segwit.

2.5. Il-Kunsillier Duncan Bartolo għamel referenza għal punt 7.2.5. tal-minuti u xtaq ikun jaf jekk l-ittra li kellha tinkiteb lill-Prim Ministru mill-Minority leader għan-nom tal-Kunsilliera tal-Partit Nazzjonalista, biex jagħmlu pressjoni sabiex il-Gvern Ċentrali jgħaddi l-fondi li għandu jgħaddi lill-Kunsill fuq il-proġetti tat-toroq, saritx jew le. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li ma kellux cans jagħmel din l-ittra.

2.6.1. Is-Sindku Alfred Grixti irrifera għal punt 3.2. fejn hemm referenza għal ittra li hu kien bagħat lill-Prim Ministru dwar il-fondi addizjonali dovuti lill-Kunsill dwar il-proġetti ta' Vjal il-Ħelsien u Ħal Mula. Is-Sindku spjega li bi pjaċir iħabbar li nhar it-Tnejn 30 ta' Lulju kien irċieva ittra by hand mingħand is-sur Charles Bonello, is-segretarju privat tal-Prim Ministru fejn stiednu għal laqgħa nhar l-Erbgħa l-1 ta' Awissu ġewwa Kastilja sabiex jiġu diskussi

dawn l-issues. Is-Sindku kompla jgħid li huwa kien akkumpanjat mis-Segretarju Eżekuttiv filwaqt li attendew għal din il-laqgħa wkoll is-sur Carmel Abela, Direttur tad-Dipartiment u l-Assistenti Diretturi s-sinjuri Silvio Frendo u Pio Farrugia.

2.6.2. Is-Sindku Alfred Grixti li din il-laqgħa kienet waħda kordjali u posittiva fis-sens li ġie konstatat li hemm flus li huma dovuti lill-Kunsill. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill intalab jissottometti dokumentazzjoni li tinkludi l-aktar ċertifikati riċenti tal-perit kif ukoll kopji ta' irċevuti fiskali fuq il-ħlasijiet li saru diġa. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li din id-dokumentazzjoni ġiet sottomessa dakinhar filgħodu.

2.6.3. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li dwar it-tender taż-żona tal-Grazzja huwa ġie nfurmat li l-budget assenjat mid-Dipartiment ma jistax jiġi miżjud u filwaqt li jifhmu l-pożizzjoni tal-Kunsill, il-Kunsill ingħata l-parir li l-Kunsill inaqqas l-ammont ta' toroq li se jagħmel sabiex jiġi fil-parametri tal-budget li ġie assenjat, għalkemm mhux eskluż li jistgħu jiġu assenjati xi fondi oħrajn.

2.6.4. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fl-opinjoni tiegħu din ma kienitx deċiżjoni politika iżda deċiżjoni li trid tittieħed fuq bażi teknika.

2.6.5. Is-Sindku għamel referenza wkoll għal Triq Achille Ferris u Trejqet il-Paċi li fihom irid isir xogħol ta' kostruzzjoni mill-ġdid tat-triq u mhu resurfacing għax dawn qatt ma ngħataw wiċċ ta' tarmac iżda li kien intlaħaq ftehim mal-Onor Chris Said sabiex il-Kunsill jagħmel dawn it-toroq u wara jingħata l-flus tagħhom minħabba li kien diffiċli li dawn it-toroq isiru minn Transport Malta għax ma jilħqux il-kriterju li jkun 70% tagħhom mibnijin minħabba kwistjonijiet fuq wirt. Is-Sindku spjega li fil-laqgħa msemmija is-sitwazzjoni ta' dawn it-toroq ġiet mqajjma u l-Kunsill ingħata l-parir li jneħħi dawn iż-żewġ toroq minn dan il-grupp ta' sittax il-triq u jippreżenta stima tagħhom u d-Dipartiment jikkunsidra jagħtix finanzjament addizzjonali fuqhom.

2.6.6. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li sabiex ħadd ma jkun jista jitfa dubji għal mod kif intgħażlu t-toroq minn dan il-grupp ta' erbatax il-triq li jifdal huwa kien qiegħed jissuġġerixxi li jintalab rapport tekniku kemm jista jkun malajr lill-Perit tal-Kunsill fuq l-istat ta' dawk is-sittax il-triq u d-deċiżjoni tittieħed a bażi ta' dan ir-rapport. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa qiegħed jaħseb ukoll li jieħu spunt minn suġġeriment li sar fil-laqgħa preċedenti mill-Kunsillier Roderick Aquilina u tintalab it-tieni opinjoni u jintalab rapport ieħor lil Perit ieħor ħalli ħadd ma jipponta subgħajh lejn il-Perit tal-Kunsill u mbagħad a bażi ta' dawn ir-rapport tekniċi jiddeċiedi l-Kunsill liema toroq isiru.

2.6.7. Il-Kunsillier George Cortis qal li jaqbel mas-suġġeriment tal-Kunsillier Aquilina li jkun hemm Perit indipendenti. Il-Kunsillier Cortis kompla jgħid li huwa jipproponi lill-Perit Mannie Galea.

2.6.8. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li tkun taf x' jiġri jekk iż-żewġ Periti ma jaqblux fir-rapporti tagħhom. Hija qalet li normalment f' każijiet simili jkun hemm tlett opinjonijiet. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li fl-opinjoni tagħha aktar ma ddaħħa; Periti u rapport aktar iżżid il-kumplikazzjonijiet. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li hu jkollu rasu aktar mistrieħa jekk jieħu deċiżjoni abbażi ta' żewġ rapporti, huwa kompla jgħid li f' każ li dawn ma jaqblux wieħed dejjem jista jmur għat-tielet opinjoni. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li fl-opinjoni tagħha anke tnejn kienu ħafna u l-Kunsill missu joqgħod fuq il-parir tal-Perit tiegħu biss u dan ħela ta' flus.

2.6.9. Il-Viċi Sindku Thomas Agius qal li huwa ma jaqblix ma dan is-suġġeriment u qal li din kienet xi ħaġa ġdida li l-Kunsill jitlob aktar minn rapport wieħed. Il-Viċi Sindku Thomas Agius qal li filwaqt li jirrepeti li ma jaqbilx ma' din l-idea. Huwa temm jgħid li jekk ikun hemm vot huwa jivvota kontra.

2.6.10. Is-Sindku spjega li r-rapport tekniku ħa jkun qiegħed jistabilixxi l-ammont ta' ħsara li hemm f' kull triq u b' hekk ikun jista jiġi determinat f' liema ordni għandhom isiru dawn it-toroq.

2.6.11. Il-Kunsillier Duncan Bartolo talab li jkun jaf liema wieħed mill-Periti li jkunu għamlu r-rapport jipprepara eventwalment id-dokumenti tat-tenders għall-bqija tat-terminu tal-kuntratt tal-perit preżenti. Is-Sindku wieġeb li jkun il-Perit tal-Kunsill li jagħmel dan ix-xogħol u li l-Perit indipendenti qiegħed jiġi kkummissjonat biss għar-rapport tal-istat tat-toroq.

2.6.12. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa qiegħed jipproponi li l-Kunsill jieħu opinjjoni ta' Perit ieħor biex jinteħħa kwalunkwe dell minn fuq il-Perit tal-Kunsill minħabba l-kariga pubblika li jokkupa li jista jkollu xi forma ta' kunflitt ta' interess.

2.6.13. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li tispera li dan is-suġġeriment mhux qiegħed isir fid-dawl ta' ċertu aħbarijiet li ħarġu fil-media matul dik il-ġimgħa. Is-Sindku assigura li dan ma kellux x' jaqsam.

2.6.14. Il-Kunsillier George Cortis ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill japprova s-suġġeriment li jintalab rapport minn perit ieħor indipendenti. Huwa ġie ssekondat mill-Kunsillier Robert Tabone. Is-Segretarju Eżekuttiv talab li l-laqgħa tiġi sospiża sabiex il-Kunsill jidżol fi stadju ta' kumitat. Il-laqgħa ġiet sospiża fis-7.10pm.

2.6.15. Il-laqgħa tkompliet fis-7.35pm.

2.6.16. Ittieħed vot fuq il-mozzjoni mressqa mill-Kunsillier George Cortis;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, George Cortis, Cain Grech, u Robert Tabone.

**Dawk kontra;** Il-Viċi Sindku Thomas Agius u l-Kunsilliera Catherine Sammut.

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Duncan Bartolo.

Il-mozzjoni ġiet approvata (30).

2.6.17. Kien hemm ftehim li l-Perit indipendenti jiġi nnominat fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss. (imsemmija f' punt 2.6.1. f' paġna 68 ta' dawn il-minuti).

2.6.18. Is-Sindku Alfred Grixti qal li xtaq jikkjarifika li fil-laqgħa li saret ma ġiex eskluż li fil-futur ikun hemm fondi addizzjonali oħrajn għalihom.

2.6.19. Il-Kunsillier Robert Tabone talab li jkun jaf jekk kienitx se ssir tiswija f' dawk it-toroq li eventwalment jitħallew barra a baħi tat-rapport tal-Perit. Is-Sindku Alfred Grixti kkonferma li se ssir tiswija.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Ma tressaq l-ebda punt ta' korrispondenza għall-attenzjoni tal-Kunsill.

3.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ikkummentat li jkun hemm ftit korrispondenza. Is-Sindku spjega li fil-laqgħa tal-Kunsill titressaq dik il-korrispondenza li tkun meqjusa bħala importanti u mhux il-korrispondenza kollha. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li l-Kunsilliera meta jridu jistgħu jaraw din il-korrispondenza billi jmorru l-Kunsill.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Il-Viċi Sindku Thomas Agius ikkummenta li l-kuntrattur responsabli mit-tindif tas-soft areas ma kienx qiegħed jagħmel xogħolu sew u għamel referenza għas-siġar tal-ġnien l-infetti kellhom bżonn jinżabru.

4.3.1. Il-Viċi Sindku Thomas Agius qal li huwa jixtieq li l-kuntrattur tal-Marketing u Events Management jibda jissottometti minn qabel il-pjan ta' ħidma għax-xahar li jkun ġej sabiex il-Kunsill japprovahom minn qabel.

4.3.2. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li kull kuntrattur jaħdem skond l-istruzzjonijiet li jingħata mis-Segretaru a nom tal-Kunsill. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa jissuġġerixxi li s-Segretarju jipprepara rapport ibbażat fuq il-ħidma tas-sena preċedenti sabiex ikun jista jiġi determinat stima tal-ammont ta' sigħat li jinħadmu kull xahar. F' dan l-istadju s-Sindku talab lill-Events Co-Ordinator biex jispejga lill-Kunsill x' attivitajiet qed jaħdem fuqhom u x' attivitajiet hemm ippjanati sal-aħħar tas-sena. L-Events Co-Co-Orindator qal li għal Settembru, kif kien ġa spejga f' laqgħat preċedenti, kien hemm l-attivita` tat-tberik tal-annimali u s-sehem fl-International Bands Festival. Dawn l-attivitajiet kienu għat-2 u l-5 ta' Settembru rispettivament. Imbagħad kien hemm Jum Ħaż-Żebbuġ, il-Health Fest u l-attivita` tal-aħħar tas-sena.

4.4. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab li jkun jaf min huwa l-kuntrattur responsabli mill-qtugħ tal-ħaxix taħt il-bankini għax fiż-żona tal-Grazzja kullimkien mimli ħaxix.

4.4. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Huwa ġie sekondat mill-Kunsilliera Catherine Sammut. Ittieħed vot;

**Dawk favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, u Robert Tabone.

**Dawk kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Il-Kunsillier Roderick Aquilina

Il-mozzjoni ġiet approvata (31).

## 5. JUM ĦAŻ-ŻEBBUĠ (NOMINI)

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li l-Kunsilliera Philip Said u Duncan Bartolo diġa kienu qegħdin jaħdmu fuq Jum Ħaż-Żebbuġ flimkien mal-Marketing u Events Co-ordinator.

5.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li n-nomini jridu jiġu deċiżi fil-laqgħa ta' Settembru u allura kien qiegħed jipproponi li sa' tlett ijiem qabel il-laqgħa li jmiss tal-Kunsill, il-Kunsilliera jissottomettu n-nomini tagħhom bil-miktub u r-raġunijiet għala qegħdin jinnominawhom.

## 6. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti poġġa fuq il-mejda l-mistoqsijiet tal-Kunsilliera u dawn għandhom jittieħdu bħala mpoġġija *(papers laid)* u mwieġba (Dokument A).

**7. AĠĠORNAMENT**

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 4 ta' Settembru fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8.00pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti | Christopher Formosa |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

# Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

## Aġenda 7 (Il-Ħamis, 2 ta' Awwissu, 2012.)

### *1. Mistoqsijiet tal-Viċi Sindku Thomas Agius (17 ta'Lulju 2012)*

1. **Jekk hemmx il-ħsieb li kull korrispondenza jew e-mails (li għandha x' taqsam mall-funzjoni tal-Kunsill) mis-Segretarju, uffiċjali jew impjegati tal-Kunsill tgħaddi ukoll lill-Kunsilliera?**

   *Ninfurmaw lill-Viċi Sindku li l-korrispondenza jew emails li jirċievi jew jintbgħatu mill-Kunsill huma diġa għad-dispożizzjoni tal-Kunsilliera kollha li jistgħu jiġu jaqrawhom meta jridu billi jinfurmaw minn qabel lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex l-informazzjoni tkun lesta minn qabel. Din il-proċedura ilha fis-seħħ sa mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali u ċertament tħaddmet minn kemm is-Sur Christopher Formosa ilu jokkupa l-kariga ta' Segretarju Eżekuttiv.*

2. **Għandha tingħata nformazzjoni dwar jekk ġewx impjegati xi nies mal-Kunsill u jekk fl-affermattiv kif sejrin jaħdmu?**

   1. *Ninfurmaw lill-Viċi Sindku li l-Kunsill ma mpjega lill-ħadd ġdid mal-Kunsill.*
   2. *Jekk il-Viċi Sindku qiegħed jirreferi għal żewġ persuni li ġew assenjati mal-Kunsill permezz tal-iskema tax-xogħol fil-komunità tal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ (ETC), ninfurmawh li dawn il-persuni qegħdin jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni ġenerali skond programm ta' xogħol li jitfassal mill-Project Manager wara konsultazzjoni mas-Segretarju Eżekuttiv.*

3. **Nerġa' niġbed l-attenzjoni dwar *sleeping policeman* li qegħdha f' Triq is-Siġġiewi li mhux imwaħla sew. (fil-mistoqsija tal-Kunsill l-ieħor ma ngħatajtx risposta). Mistoqsija 2.**

   1. *Il-Kunsill ma' kienx f' pożizzjoni li jagħti tweġiba għal din il-mistoqsija fil-laqgħa preċedenti minħabba li l-mistoqsija mressqa ma' kienitx l-istess. Fil-fatt il-mistoqsija Nru. 2 li qed jirreferi għaliha l-Viċi Sindku kienet tgħid hekk:* **Talba għal *sleeping policeman* f' Siġġiewi Street viċin numru 18, u tiċċaqlaq sleeping policeman eżistenti fl-istess triq.**
   2. *Intant, il-Kunsill qiegħed jieħu nota ta' dan l-ilment u se jiddaħħal fil-programm tax-xogħolijiet. Nitolbu lill-Kunsilliera jkunu aktar speċifiċi fil-mistoqsijiet tagħhom sabiex inkunu fl-aħjar pożizzjoni sabiex nagħtu t-tweġibiet għall-mistoqsijiet tagħkom.*

4. **Għamilt mistoqsija fil-Kunsill l-ieħor dwar żebgħa safra li qedgħa Bishop Caruana Street. Iż-żebgħa qegħdha quddiem garaxx fejn tranġat it-triq 'il fuq mill-Kunsill. (Jien tlabt jekk saritx bl-approvazzjoni meħtieġa).**

   *Is-sinjali li qiegħed jirreferi għalihom il-Viċi Sindku saru kollha bl-approvazzjoni meħtieġa tal-awtoritajiet kompetenti.*

5. **Tistax Triq il-Fraxxnu titwessa kif sejjer isir ix-xogħol u b' hekk ikun hemm aktar spazju ta' *parking* għar-residenti.**

   1. *Sabiex titwessa' Triq il-Fraxxnu trid issir espropjazzjoni ta' art li hija parti mill-blokk tal-bini tal-appartamenti tal-Awtorità tad-Djar (Housing Authority).*
   2. *Apparti hekk, il-Kunsill huwa infurmat li din l-art ingħatat b' concession lil wieħed mir-residenti ta' dan il-blokk partikulari u li allura għandu titolu fuq dik l-art u li f' dan is-sens tista' tiqies bħala privata.*
   3. *Dan irid jinftiehem fid-dawl tal-fatt li, skont il-liġijiet ta' Malta, **kull espropriazzjoni ta' art issir biss mill-Gvern Ċentrali** għax dan huwa l-unika entità li tista' tikkumpensa lil min għandu titolu fuq l-art li tkun se tiġi esproprijata.*
   4. *Minkejja dan, il-Kunsill permess tal-Perit tiegħu ġa għamel talba lill-MEPA biex titwessa' Triq il-Fraxxnu liema talba saret f' Ottubru, 2011 kif il-Viċi Sindku jista' jara mill-kopja tal-korrispondenza annessa.*
   5. *Rigward il-problema ta' parkeġġ fi Triq il-Fraxxnu, il-Kunsill ħa ħsieb li fl-ippjanar tal-kantuniera bejn Triq il-Fraxxnu u Triq Hal Mula (fejn kien hemm soft area li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill) jinħolqu numru ta' parkeġġi ġodda billi iċċekknet din is-soft area. Din id-deċiżjoni diġa taffiet il-problema tal-parkeġġ.*

6. **Min sejjer jikklassifika l-urġenza u liema, rigward tiswija ta' toroq rurali li jkunu fi stat ħażin. (Ara risposta tax-xahar l-ieħor) Risposta No 11.**

   *Se jkun il-Kunsill li jiddeċiedi liema toroq se jsiru u f' liema ordni wara li jkun evalwa r-rapport tekniku tal-Perit tal-Kunsill.*

7. **Xi żmien ilu tlabt biex it-tabella tal-konfini (Merħba Ħaż-Żebbuġ) li kienet inti u tiela' minn Ħal Qormi terġa' ssir. Is-segretarja bgħatet xi e-mails (nixtieq inkun naf fejn waslet it-talba).**

   1. *Il-kwistjoni li qed jirreferi għaliha l-Viċi Sindku tmur lura xi snin fejn bank kummerċjali lokali kien għamel sponsorship ta' dawn it-tabelli għall-Kunsilli ta' Malta kollha.*
   2. *Fi żmien is-sindakat tas-Sindku ta' qabel dak preżenti l-Kunsill kien għamel talba lil dan il-bank partikolari biex jerġgħu isiru dawn it-tabella imma dan il-bank kien infurmana li dik l-iskema ta' sponsorship kienet twaqqfet.*

3. *Għalhekk, fuq it-talba tal-Viċi Sindku attwali kienu ntbgħatu żewġ emails lil Transport Malta dwar dawn it-tabelli fit-2 u l-4 ta' Mejju li għadda imma għadna ma rċevejniex tweġiba.*
4. *Il-Kunsill irid jiddeċiedi huwiex il-kaz li jifftex sponsors alternattivi jew li jaqbad u jagħmel dawn it-tabelli hu.*

**8. Prosit li ntlaqgħet it-talba li ssir tabella biex ma jsirux BBQs ħdejn il-flats ta' Mill Street. Qed jinħass il-bżonn ukoll biex ma jsirx ligħob tal-ballun (mara ntlaqtet u weġġħet sieqa).**

*Ninfurmaw lill-Viċi Sindku li l-istess tabella li se tkun qed tipprojbixxi l-barbeques se tkun qegħdha tirregola wkoll il-logħob bil-ballun.*

**9. Tiġi aġġornata minn żmien għal żmien in-*notice board* ta' Sciortino Street eż. Biex in-nies ikunu jafu dwar ġbir ta' żibel speċjalment meta tkun se taħbat xi festa.**

*Il-Kunsill jieħu nota ta' dan is-suġġeriment.*

**10. Kont tlabt biex jiġu estiżi faxex sofor quddiem garaxx fi Triq ix-Xgħir. Il-Project Manager qalli li rċieva l-applikazzjoni. Meta ser issir iż-żebgħa?**

*Mill-informazzjoni miġbura, dawn is-sinjali jirreferu għal Triq il-Qamħ u mhux Triq ix-Xgħir. Dawn is-sinjali saru nhar it-Tlieta 31 ta' Lulju 2012.*

**11. Talba biex Triq l-Għasfura jsiru kaxex bojod għall-parking u sofor quddiem il-garaxxijiet.**

*Il-Kunsill jieħu nota ta' dan is-suġġeriment u se jsiru l-applikazzjonijiet neċessarji ma' Transport Malta.*

**12. Xi żmien ilu tlabt biex parti min Triq Paris issir tabella biex ma jgħaddux vetturi kbar. Nixtieq inkun naf it-talba fejn waslet.**

*Ninfurmaw lill-Viċi Sindku li din it-talba għadha pendenti quddiem Transport Malta.*

## *2. Mistoqsijiet tal-Kunsilliera Catherine Sammut (23 ta'Lulju 2012)*

**1. Insir naf a) kemm u b) liema kuntratti għandna fil-Kunsill, ċ) għand min huma u d) meta se jiskadu.**

*L-informazzjoni mitluba tinsab annessa bħala Skeda A ma' dawn it-tweġibiet.*

**2. Nara lill-kuntratturi kollha li għandu l-Kunsill u jigu ntrodotti għallinqas lili, jekk il-Kunsilliera l-oħra ma jinteressahomx.**

1. *Il-Kunsilliera Sammut hija mitluba tikkordina mas-Segretarju Eżekuttiv biex isiru dawn il-laqgħat f' dati u ħinijiet konvenjenti għal kulħadd.*
2. *Madankollu, l-Kunsilliera kollha huma mfakkra fil-proċeduri amministrattivi tal-Kunsill li ġew spjegati mis-Segretarju Eżekuttiv fil-laqgħa tat-12 ta' April, 2012. Hawn kien spjegat lill-Kunsillera " . . . sabiex meta jkollhom ilment iressqu dan l-ilment lill-staff tal-Kunsill u dan l-ilment jiġi reġistrat ħalli l-ilment jiġi proċessat bl-aħjar mod possibli. . . ."*
3. *Dan ifisser li ħadd ħlief is-Segretarju Ezekuttiv, permess tal-Istaff tal-Kunsill, ma huwa awtorizzat biex jagħti ordnijiet u jew struzzjonijiet lil kwalunkwe kuntrattur biex jagħmel kwalunkwe xogħol f' isem il-Kunsill.*

**3. Minn tal-inqas xahar qabel ma jkun se jiskadi kuntratt, hu liema hu, il-Kunsill, min ikun irid mill-Kunsillieri, nirrevedu / inżidu / nnaqsu / nagħtu bidu għal xi klawsoli/kundizzjonijiet fil-kontenut ta' kull kuntratt, jiġifieri, kull kunsillier jingħata d-dritt juri fehmtu għall-eliminazzjoni / żieda u t-tfassil ta' kull kuntratt, oltre minn dak li jikun ġa stabbilit mid-Dipartiment tal-Kuntratti jew aġenziji oħra.**

1. *Hija proċedura normali tal-Kunsill li meta jkun wasal biex jiskadi kuntratt dan jitressaq quddiem il-Kunsill sabiex jiġu diskussi l-kundizzjonijiet tal-kuntratt u jiżdiedu jew jonqsu klawżoli fil-kuntratt.*
2. *Barra minn hekk qabel ma' tinħareġ sejħa għall-offerti jrid jkun hemm approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tinħareġ.*

**3. Inkunu, bħala Kunsilliera, parti attiva fil-finanzi tal-Kunsill u kif jiġu ppjanati qabel ma jintefqu apparti li nivvotaw għall-flus li jkunu se jitħallsu wara li jidħlu l-*invoices*. Nistenna li ma ningħata l-ebda tweġiba superflua !**

1. *Ġentilment nirreferu lill-Kunsilliera Sammut għall-Att tal-Kunsilli Lokali (Kap 363 tal-Liġijiet ta' Malta), Taqsima VI (Finanzi) fejn dak li qegħda tirreferi għalih huwa ġa kontemplat fil-liġi f' Artiklu 59 (1), 59 (2) u 59 (3).*
2. *Il-Kunsilliera Sammut tista' sserraħ rasha li meta jasal iż-żmien stipulat fil-liġi biex dak li qegħda tirreferi għalih isir dan se jsir bla ebda problema ta' xejn imma dejjem fil-parametri tal-liġi.*

**5. Qegħdin jitqiegħdu l-boroż suwed wara bieb in-nies mill-gabbana tal-iskart; dawn jitqiegħdu fi gzuz, i.e. jinġabru l-boroż ta' diversi djar li jitpoġġew wara/taħt bieb/tieqa ta' dar waħda.**

*Il-kuntrattur għandu struzzjonijiet ċari biex dan ma jsirx. Il-Kunsill se jieħu ħsieb jerġa jiġbidlu l-attenzjoni.*

**6. Jidher li hemm żgħażugħ Belti ta' 15 il-sens, neputi tal-imgħallem, impjegat.**

*Il-Kunsill irċieva rapporti simili u, fuq struzzjonijiet tas-Sindku, ħa ħsieb li jibgħat ittra lill-Kuntrattur konċernat fejn inġibdet l-attenzjoni fuq dawn ir-rapporti.*

7. **Mekkanik fi Triq l-Isqof Caruana ħdejn il-Kunsill ħammeġ it-tarmak 'ġdid' bi żjut u pertol/diesel.**

   1. *Il-Kunsill se jieħu ħsieb jikteb li dan il-mekkanik sabiex dan l-abbuż jinqata'.*
   2. *Jekk dan l-abbuż jippersisti l-Kunsill jagħmel rapport lill-Pulizija biex jipproċedu kontra dan l-individwu kif il-Kunsill dejjem għamel f' każijiet bħal dawn.*

8. **Il-knis tat-toroq mhux qed isir sew.**
   1. *Il-Kunsill ilu li kkonkluda li dan il-kuntratt jeħtieġ li jiġi rivedut.*
   2. *Kif inhu l-kuntratt bħalissa dan jipprovdi li l-knis, ħlief għall-pjazza, jsir darba fil-ġimgħa. Mill-bqija r-raħal huwa maqsum f' sitt żoni oħra u kull żona tinkines darba fil-ġimgħa f' xi ġurnata mit-Tnejn sas-Sibt.*
   3. *Il-kuntratt lanqas ma jistipula numru minimu ta' ħaddiema. Imma lejn tmiem is-sena li għaddiet il-Kunsill kien laħaq ftehim mal-kuntrattur preżenti biex ikollu mill-anqas tliet ħaddiema miegħu kuljum*
   4. *Il-kuntratt li qiegħed jiġi aġġudikat bħalissa jistipula li min jirbaħ il-kuntratt irid ikollu mill-anqas ħames impjegati fuq il-lant tax-xogħol kuljum u li l-knis isir ġurnata iva u ġurnata le skont iż-żona, ħlief għaż-żona tal-qalba tar-raħal, i.e. pjazza u madwar il-Knisja, li ssir kuljum.*
   5. *Intant, permess tal-istaff tal-Kunsill, kull ilment li jidħol dwar nuqqasijiet f' dan ir-rigward jiġi mgħoddi lill-kuntrattur biex imur jiknes fil-post minn fejn ikun oriġina l-ilment.*
   6. *Irid jiġi reġistrat ukoll li kull ilment li jidħol jiġi indirizzat mill-kuntrattur attwali f' ħin qasir u ġeneralment ma jdumx aktar minn 24 siegħa.*

9. **Jinġabar wisq skart u ħmieġ ħdejn il-*bring in site* ta' salib it-toroq bejn Triq l-Isqof Caruana u Triq Dun Filippu Calleja.**
   1. *Dan huwa minnu u l-Kunsill jinsab f' kuntatt kontinwu mal-iskema GreenPak li topera l-bring in sites ġewwa Ħaż-Żebbuġ biex inaddfu kemm madwar din il-bring in site partikolari u kemm madwar l-oħrajn b' mod regolari.*
   2. *F' ċerti każijiet, il-Project Manager tal-Kunsill talab l-għajnuna tal-kuntratturi tal-knis u ġbir ta' skart domestiku biex inaddfu madwar il-bring in site u dan għamluh għalkemm mhuwiex strettament fil-kompetenza tagħhom għax il-ftehim mal-GreenPak jistipula li huma responsabbli għall-indafa madwar il-bring in sites kollha.*
   3. *Meta l-Kunsill ikollu tagħrif speċifiku dwar min iwettaq abbuż kemm ħdejn din il-bring in site u kemm dwar postijiet oħra fejn skart jintrema' abbużivament, isiru r-rapporti neċessarji biex il-Pulizija tipproċedi skont il-liġi. Imma dan ifisser li jeħtieġ li jkollna biżżejjed tagħrif u provi biex il-Pulizija jkunu jistgħu jagħmlu xogħlhom.*

10. **Tindif tal-Culverts ħdejn id-dar tiegħi.**

*Dawn il-culverts huma skedati li jiġu mnaddfa lejn l-aħħar ta' Awissu, bidu ta' Settembru qabel tagħmel l-ewwel xita.*

**11. 'Rebore' lill-Bandli tal-Infetti.**

1. *Il-Kunsill jieħu nota ta' dan is-suġġeriment.*
2. *Infakkru li l-Kunsill kien applika għal fondi speċjali taħt skema mnedija s-sena l-oħra mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex isir l-investiment meħtieġ f' bandli ġodda.*
3. *Sa issa għad ma hemmx informazzjoni dwar liema Kunsilli Lokali se jingħataw fondi taħt din l-iskema.*
4. *Intant, perjodikament, issir il-manutenzjoni meħtieġa fuq il-bandli in kwistjoni.*

**Skeda A – Kuntratt fi ħdan il-Kunsill**

| Servizz | Kuntrattur | Skadenza tal-Kuntratt |
|---|---|---|
| Ġbir ta' Skart Domestiku | Sur Victor Borg | 13 ta' Jannar 2014 |
| Tindif ta' Żoni Urbani | Xuereb Bros | **2 ta' Diċembru 2011** |
| Tindif ta' Żoni Mhux Urbani | Sur Philip Seguna | **2 ta' Diċembru 2011** |
| Tindif ta' Public Conveniences, Librerija, Uffiċju tal-Kunsill | Sur Roccu Mifsud | **2 ta' Diċembru 2011** |
| Manutenzjoni Streetlighting | MicaMed Ltd | 11 ta' Jannar 2014 |
| Tindif Soft Areas | Sur Wilson Mifsud | 17 ta' Awissu 2012 |
| Tiswija ta' Toroq Urbani | Sur Raymond Calleja | 13 ta' Jannar 2013 |
| Perit tal-Kunsill | Med Design Associates | 11 ta' Jannar 2014 |
| Servizzi ta' Printer | Best Print Ltd | 11 ta' Jannar 2014 |
| Accountant tal-Kunsill | Sur Paul Bugeja | 13 ta' Jannar 2014 |
| Events & Marketing Co-ordinator | M&E Management | 20 ta' Diċembru 2013 |
| Tiżjin tal-Milied | Sur Lawrence Cassar | **Jannar 2011** |
| Tiswija u Manutenzjoni ta' Tabelli u Sinjali | Koptasin Ltd | 22 ta' Diċembru 2014 |

| | | |
|---|---|---|
| Resurfacing Public Private Partnerhsip – Hal Mula | Bonnici Bros | N/A |
| Rikostruzzjoni Vjal il-Ħelsien | RiteMix Ltd | N/A |